# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**l-ewwel (1) ta' Diċembru 2020**

**Rikors Numru 199/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Wood System SRLS**

**Vs**

**Alexander Cutajar (ID 264785M) u, b'digriet tat-12 ta' April 2017, ġew kjamati fil-kawża Luca Di Modugno, Kawtar El Matarji u Andrew Manduca**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Marzu 2017, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti, bil-gurament ta' Joseph Camilleri (ID 797657M) debitament awtorizzat biex jidher ghas-socjeta rikorrenti, talbet s-segwenti:

   1. *Illi l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma bilanċjali ta' tnejn u għoxrin elf (€22,000) skond fattura hawn annessa, eżebita u mmarkata bhala Dok. A.*

   2. *Illi dan l-ammont jirrappreżenta bilanċ fuq ħlas dovut għal xogħol ta' arredament ta' diversi appartamenti ta' l-intimat ġewwa Marsascala, ta' valur komplessiv ta' erbgħa u sittin elf Euro (€64,000), liema xogħol sar fuq inkarigu ta' l-istess intimat, kollox skond kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi, eżebiti u mmarkati bħala Dok. B, Dok. C, Dok. D u Dok. E.*

3. *Illi l-intimat għalkemm għamel diversi ħlasijiet akkont tas-somma komplessiva dovuta, baqa' ma ħallasx il-bilanċ ta' €22,000 minkejja illi x-xogħol tlesta u ġie kollu nstallat fil-post indikat mill-intimat, minkejja wkoll illi l-intimat ikkonferma bil-miktub illi x-xogħol ġie komplut u installat a pjena sodifazzjon tiegħu (ara Dok. D u Dok. E), u minkejja wkoll diversi interpellazzjonijiet li sarulu, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Diċembru 2016 lilu debitament notifikata.*

4. *Illi oltre għall-ammont lilha dovut in linea ta' bilanċ tal-prezz tax-xogħol, is-soċjeta' rikorrenti soffriet ukoll id-danni in konnessjoni ma' l-appalt lilha mogħtija mill-intimat, inklużi inter alia, spejjeż inkorsi inutilment ta' titjiriet u akkomodazzjoni ta' impjegati tas-soċjeta' rikorrenti li ntbagħtu Malta fuq struzzjonijiet ta' l-intimat appuntu biex jikkonsenjaw u jinstallaw ix-xogħol ordnat, liema konsenja u stallazzjoni ma setgħux isiru minħabba tort ta' u raġunijiet imputabbli lill-istess intimat.*

5. *Illi għalhekk minħabba l-aġir ta' l-intimat is-soċjeta' rikorrenti soffriet id-danni liema danni huwa responsabbli għalihom unikament l-istess intimat*

6. *Illi għalhekk is-soċjeta' rikorrenti kellha tagħmel din il-kawża;*

7. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.*

*Jgħid l-intimat għaliex dina l-Qorti ma għandhiex:-*

1. *Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), ammont rappreżentanti bilanċ fuq ħlas dovut għal xogħol ta' arredament lilha dovut kif fuq premess;*

2. *Tikkundanna lill-intimat iħallas l-imsemmija somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) lis-soċjeta' rikorrenti;*

3. *Tiddikjara illi inoltre is-soċjeta' rikorrenti soffriet id-danni konsistenti fi spejjeż inkorsi minnha inutilment fil-kors ta' twettiq ta' l-inkarigu lilha mogħti mill-intimat, għal liema danni huwa unikament responsabbli l-istess intimat.*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti per konsegwenza tat-tieni talba u tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħax legali kontra l-intimat li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi, fil-21 ta' Marzu 2017, l-intimat ippreżenta r-risposta tiegħu fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti f'din il-kawża dwar l-ammont reklamat fir-rikors maħluf promotur. Għaldaqstant, l-intimat ma huwiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti.*

    2. *Illi l-intimat m'għandu jagħti xejn lis-soċjeta' rikorrenti.*

    3. *Illi l-intimat jiċħad li hu għamel ħlasijiet akkont tas-somma komplessiva dovuta, kif qed jingħad fil-paragrafu numerat 3 tar-rikors maħluf. Il-pagament li għamel l-intimat ma kienx dwar ix-xogħolijiet ta' arredament mertu ta' din il-kawża, u d-dikjarazzjoni msemmija tar-rikorrenti tikkostitwixxi l-falz.*

    4. *Illi għaldaqstant l-ewwel żewġ talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur ma jimmeritaw ebda akkoljiment, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti.*

    5. *Illi l-intimat ma rreka ebda danni lis-soċjeta' rikorrenti, u konsegwentement, inkluż għall-istess raġunijiet miġjuba fl-ewwel eċċezzjoni, it-tielet u r-raba' talba għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti.*

    *Salv eċċezzjonijet oħra permessi mill-liġi u bl-ispejjeż*

3. Rat illi fil-21 ta' Marzu 2017, l-intimat talab il-kjamat in kawża ta' Luca Di Modugno, Kawtar El Matarji u Andrew Manduca, liema talba ntlaqgħet fit-12 ta' April 2017.

4. Rat illi Luca Di Modugno u Kawtar El Matarji ġew notifikati fit-13 ta' Ġunju 2017 billi saret notifika f'idejn Luca di Modugno (fol 33), filwaqt illi Andrew Manduca ġie notifikat fid-9 ta' Mejju 2017 (fol 30).

5. Rat illi Luca di Modugno, Kawtar El Matarji u Andrew Manduca ma ppreżentaw ebda eċċezzjonijiet u għalhekk għandhom jitqiesu bħala kontumaċi.

6. Rat ix-xhieda ta' **Alexander Cutajar**, mogħtija fid-9 ta' Novembru 2017. (fol 37)

7. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Camilleri**, mogħtija fid-9 ta' Novembru 2017. (fol 39)

8. Rat ix-xhieda ta' **Franco Sagninbene**, propretarju tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fit-18 ta' Jannar 2017. (fol 43)

9. Rat illi fit-18 ta' Jannar 2017 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi.

10. Rat ix-xhieda ta’ **Luca de Modugno**, mogħtija fit-28 ta’ Frar 2018. (fol 58)

11. Rat l-affidavits ta’ l-intimat **Alexander Cutajar**, ta’ **Donna Desira**, ta’ **Mariella Cutajar**, ta’ **Alexander P Cutajar**, ta’ **Paul Cutajar**, ta’ **Ciro Massimo Saverese**, ta’ **Jean Claude Cutajar** u **Ingrid Attard** lkoll ippreżentati mill-intimati fit-13 ta’ Ġunju 2018.

12. Rat illi fit 13 ta’ Ġunju 2018 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

13. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Luca de Modugno mogħtija fid-29 ta’ Novembru 2018. (fol 106)

14. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Franco Sagnibene mogħtija fid-29 ta’ Novembru 2018. (fol 108)

15. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Joseph Camilleri mogħtija fid-29 ta’ Novembru 2018. (fol 110)

16. Rat illi fl-1 ta’ Lulju 2019, dina l-Qorti kif presjeduta ħadet konjizzjoni tal-każ.

17. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Franco Sagnibene mogħtija fil-31 ta’ Ottubru 2019. (fol 115)

18. Rat illi fil-21 ta’ Jannar 2020, il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw u l-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta’ tan-noti.

19. Rat is-sottomissjonijiet finali tas-soċjeta’ rikorrenti bil-miktub illi saru fil-21 ta’ Mejju 2020.

20. Rat is-sottomissjonijiet finali ta’ l-intimat bil-miktub illi saru fit-18 ta’ Settembru 2020.

## Konsiderazzjonijiet

21. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Alexander Cutajar, kellu proġett ta’ appartamenti ġewwa Marsascala, bl-isem ta’ Blue Sky Mansions, illi kienu ġia’ mibnija fi stat ‘*shell*’ u kellhom jitlestew u jiġu kompletati għall-użu kemm tiegħu kif ukoll għall-kiri.

22. Jirriżulta illi, għal dan il-għan, huwa qabbad lill-kjamat in kawża Luca di Modugno, w il-kumpannija tiegħu Allin One Group Services Limited, sabiex jagħmillu x-xogħol kollu fil-post bħala ‘*turnkey project*’ u ffirmaw ftehim f’dana s-sens.

23. Jirriżulta illi, mument minnhom, l-intimat ried jixtri l-għamara għall-fond u Luca di Modugno bagħtu għand is-soċjeta’ rikorrenti ġewwa Sqallija fejn, wara illi raw l-għamara illi kien hemm, fil-15 ta’ Ġunju 2016 l-intimat ordna l-għamara kollha li kien hemm bżonn.

24. Jirriżulta illi, di fatti, fil-15 ta’ Ġunju 2016, l-intimat iffirma, kif minnu stess ikkonfermat fix-xhieda tiegħu tad-9 ta’ Novembru 2017 (fol 37), għal żewġ ordnijiet

ta' għamara, waħda fl-import totali ta' €20,000, indikata bħala '*Offerta 96*' (fol 6), u oħra fl-import totali ta' €44,000, indikata bħala '*Offerta 97*' (fol 7).

25. Jirriżulta illi l-intimat kellu jħallas deposit b'kollox ta' €22,000, ossija €5,000 għall-'*offerta 96*' u €17,000 għall-'*offerta 97*', liema deposit tħallas minnu permezz ta' transfer bankarju ta' €22,000, li tħallset abbażi ta' '*fattura Nru 19*' maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti fil-21 ta' Ġunju 2016 (fol 6) u mħallsa fit-28 ta' Ġunju 2016 (fol 47).

26. Jiriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti sussegwentement ipproċediet biex tagħmel l-installazzjoni tal-għamara kollha li kien ġie ordnat u, fid-29 ta' Novembru 2016, l-intimat iffirma dokument fejn ikkonferma illi "*trasporto e montaggio completato*" (fol 9 u 10).

27. Jirriżulta illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, Franco Sagninbene jikkonferma li, mument minnhom, l-intimat għadda lilha s-somma ta' €20,000 fi flus kontanti, għal liema flejjes s-soċjeta' rikorrenti ma ħarġietx riċevuta iżda tikkonferma li rċeviethom mingħand l-intimat u għalhekk mhijiex qed titlob il-ħlas tagħhom.

28. Jirriżulta, da parte tiegħu, illi l-intimat jikkontendi illi meta huwa qabbad lil Luca di Modugno sabiex jagħmillu x-xogħolijiet kollha fil-binja, dan kien jinkludi illi jġiblu l-għamara kollha, u jirriżulta li, fis-16 ta' Ottubru 2016 huwa għadda l-ammont ta' €10,000 lil Luca di Modugno bħala *cash* (fol 89) u fit-18 ta' Ottubru 2016 għadda ammont ieħor ta' €20,000 bħala *cash* (fol 90), liema flejjes ġew indikati bħala pagamenti illi kellhom isiru "*to the furniture installers for the furniture installed at Blue Horizon Apartments*" fi skritturi redatti minn Luca de Modugno u minnu ffirmata.

29. Jirriżulta illi l-intimat jikkontendi illi l-bilanċ ta' €2,000 ma ġiex mgħoddi għax kien hemm xi '*appliances'* li kellhom jinbidlu. (vide xhieda fol 37)

30. Jirriżulta, da parte tiegħu, illi Luca di Modugno, fix-xhieda tiegħu, jikkonferma li l-intimat kien għadda l-ammont ta' €30,000 fi flus kontanti lilu sabiex jgħaddihom lis-socjeta' rikorrenti. Żied jgħid li filwaqt illi l-ammont ta' €10,000 ingħaddew lis-soċjeta' rikorrenti, il-bilanċ f'idejh ta' €20,000 ma ngħaddiex lis-soċjeta' rikorrenti stante illi kellu problemi finanzjarji u ma kellux minn fejn iħallas.

31. Jirriżulta illi dan l-ammont ta' €20,000, flimkien mal-ammont ta' €2,000 illi l-intimat jikkontendi li żamm għax kien hemm xi '*appliances'* difettużi, jidher li jikkombaċjaw mal-ammont ta' €22,000 pretiż mis-soċcjeta' rikorrenti mingħand l-intimat.

## Konsiderazzjonijiet

32. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat ordna mingħand is-soċjeta' rikorrenti, għamara fl-import totali ta' €64,000, għal liema għamara huwa ffirma l-ordni fil-15 ta' Ġunju 2016.

33. Jirriżulta illi, filwaqt li l-intimat jikkontendi illi huwa ħallas għall-għamara kollha, jirriżulta ċar mill-provi illi parti mill-ammont, fl-import ta' €22,000 tħallas permezz ta' transfer bankarju u ammont ieħor ta' €20,000 ingħadda lis-soċjeta' rikorrenti fi flus kontanti.

34. Jirriżulta illi l-intimat għadda pagament ieħor, għas-saldu ta' kollox mas-soċjeta' rikorrenti, lil Luca de Modugno, liema pagament attwalment qatt ma wasal għand s-soċjeta' rikorrenti.

35. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi is-soċjeta' rikorrent għad fadallha titħallas l-import ta' €22,000 għall-għamara ordnata mill-intimat u ma nġiebu ebda provi li juru li s-soċjeta' rikorrenti kienet parti mill-arranġament illi sar bejn l-intimat u Luca de Modugno jew, aktar u aktar bejn l-arranġament illi l-intimat jgħaddi flejjes kontanti lil Luca de Modugno sabiex jingħaddew lis-soċjeta' rikorrenti.

36. Għalhekk, għalkemm l-intimat jikkontendi illi huwa ħallas kollox, attwalment jidher illi l-flejjes illi huwa allegatament għadda sabiex titħallas is-soċjeta' rikorrenti, qatt ma wasslu għandha, u għalhekk huwa għad irid iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-bilanċ ta' €22,000 għall-għamara magħmula u kkonsenjata lill-intimat u mhux imħallsa.

37. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, apparti l-import tal-għamara mibjugħa u mhux imħallsa, tikkontendi illi sofriet danni, iżda ma nġiebet ebda prova dwar danni minnha sofferti u għalhekk il-Qorti ma hijiex ser tikkunsidra tali talba għal danni.

38. Finalment, il-Qorti tosserva illi l-kjamat in kawża Luca de Modugno, għalkemm ma ppreżenta ebda eċċezzjonijet quddiem din l-Qorti, jidher li aċċetta illi huwa kellu flejjes mgħoddija lilu – u għalhekk jimmerita illi jerfa' r-responsabbilta' għall-ħlas lis-soċjeta' rikorrenti in solidum flimkien ma' l-intimat.

39. Dwar il-kjamat in kawża Kawtar El Matarji, jirriżulta ċar illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-ftehim tax-xiri tal-għamara, stante illi ma jissemma' minn ħadd, filwaqt illi dwar il-kjamat in kawża Andrew Manduca, dana qatt ma ġie notifikat b'dawna l-atti u qatt ma xehed quddiem dina l-Qorti – għalhekk dawna ż-żewġ kjamati in kawża jistħoqqilhom illi jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lil Kawtar El Matarji u Andrew Manduca;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet kollha ta' l-intimat Alexander Cutajar;

**Tilqa'** l-ewwel u tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti filwaqt illi;

**Tiċħad** it-tielet u r-raba' talba tas-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk;

**Tiddikjara** li l-intimat Alexander Cutajar u l-kjamat in kawża Luca di Modugno, in solidum bejniethom, huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) rappreżentanti bilanċ fuq ħlas dovut għal xogħol ta' arredament lilha dovut;

Tikkundanna lill-intimat Alexander Cutajar u l-kjamat in kawża Luca di Modugno, in solidum bejniethom, iħallsu l-imsemmija somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) lis-soċjeta' rikorrenti;

**Spejjeż** kif mitluba u Imgħax legali mill-20 ta' Diċembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv ikunu a kariku ta' l-intimat Alexander Cutajar u l-kjamat in kawża Luca di Modugno, in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**